MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Numru. 116/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Marvin Cauchi, bin Carmel u Lucy nee' Farrugia, imwieled fis-27 ta' Frar, 1981 u residenti Gawhra, Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 2782(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Marvin Cauchi li gie akkuzat talli nhar l-24 ta' Settembru, 2010, ghall-habta ta' 11:20hrs:-

1. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Domnic Formosa mir-Rabat, Ghawdex u fil-kariga tieghu bhala

Senior Health Inspector, weggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor;
2. Ukoll talli permezz ta' e-mail ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq Domenic Formosa persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;
Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta t-tieni (2) akkuza u kwindi l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dina l-akkuza;

Illi l-kwerelant Domenic Formosa rrinunzja ghall-azzjoni kriminali u kwindi peress illi l-ewwel (1) akkuza tehtieg l-kwerela tal-parti leza, il-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza, issib lill-imputat hati tat-tieni (2) akkuza u tikkundannah riprensjoni u ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------